Dok 12

KAMRA TAD-DEPUTATI — MALTA — HOUSE OF REPRESENTATIVES

5 Marzu 2018

**Onor. Etienne Grech**
**President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali**

**Rapport tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta għall-2017**

Skont l-Artiklu 7 (3) tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515) qiegħed ngħaddilek kopja tar-Rapport Annwali ta' dan il-Kunsill għall-2017.

Kopja ta' dan ir-rapport tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2018.

Inselli għalik

**Anglu Farrugia**
**Speaker**

**Ir-Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2017**

**Introduzzjoni**

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2017. Matul is-sena konċernata, il-Kunsill kien iffurmat mill-istess membri tas-sena l-oħra li t-terminu tal-kariga tagħhom huwa fis-sena 2018. Matul din is-sena, is-Sur Alexander Grima ħa post is-Sinjorina Louisiana Busuttil li kienet tirrapreżenta l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea skont Artiklu 5.1 (ċ) tal-Att XX tal-2011 u kienet rreżenjat lejn tmiem is-sena 2016. Il-post tas-Sur Joseph Xerri maħtur skont Artiklu 5.1 (b) tal-Att imsemmi, li kien irriżenja mill-Kunsill f'Novembru billi fit-2 ta' Diċembru 2016 ġie maħtur Segretarju tal-Kunsill baqa' vakant billi l-persuna li kienet proposta ma ġietx aċċetatat mill-Kap tal-Oppożizzjoni. It-terminu tal-Professur Stephen Gatt li għalaq matul din is-sena ġie mġedded għal tliet snin oħra.
Il-Kunsill matul is-sena 2017 kien magħmul minn dawn il-kunsilliera:

**Iċ-*Ċerpersin* tal-Kunsill**

L-Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dott. George W. Vella, sa Ġunju 2017 u wara minn l-Onorevoli Ministru għall-affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ, is-Sur Carmelo Abela.

***Il-Membri tal-Kunsill***

Id-Dott. Edwin Borg-Manche
Is-Sur Alexander Grima
Il-Prof. Maurice N. Cauchi
Is-Sur Lawrence Dimech
Is-Sra Carmen Galea
Il-Prof. Stephen Gatt
Id-Dott. Gejtu Pace
Is-Sra Rosalie Rivett
Is-Sur Bernard Scerri
Is-Sur Frank Scicluna
Is-Sur Joseph Sherri
Ir-Rev. Mons. Alfred Vella
Is-Sur Louis J. Vella
Id-Dott Larry Zahra
Segretarju tal-Kunsill: is-Sur Joseph A Xerri

L-attività' prinċipali tal-Kunsill għal din is-sena kienet it-tmien Laqgħa tal-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta li saret nhar il-Ħamis 19 u l-Ġimgħa 20 ta' Ottubru. Din kienet preseduta mill-Onorevoli Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ bħala Ċerpersin tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew il-membri kollha barra s-Sur Frank Scicluna u Dott Larry Zahra, li kienu skużati.

## 1.0 It-Tmien Laqgħa tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

It-tmien laqgħa tal-Kunsill f'Malta, skont Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011,saret f'Sala Borg Olivier fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin nhar il-Ħamis, 19 ta' Ottubru u l-

Ġimgħa, 20 ta' Ottubru 2017. Il-Kunsill kellu fuq l-aġenda tiegħu diversi temi li jinkludu : Il-kontinwazzjoni tal-Programm "Consul-on-the-Move" fil-futur; id-dewmien esaġerat fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija; L-impatt tal-liġijiet dwar l-iżvilupp ta' proprjetà' fuq il-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta; reviżjoni tar-rati ta' taxxa fuq id-dħul applikabbli għal dawk il-Maltin mhux residenti f'Malta; votazzjoni mill-bogħod (distance voting) f'elezzjonijiet ta' Malta u l-Parlament Ewropew; id-dritt tal-vot ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea f'elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; l-implementazzjoni ta' sistema t'avviż kmieni; pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija; it-twaqqif tar-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jgħixu barra minn u r-Reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta; servizzi bankarji għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta; it-tagħlim tal-istorja tal-emigrazzjoni fl-iskejjel f'Malta; It-twaqqif ta' websajt tal-Kunsill; l-Istitut Kulturali Malti; Fondi tal-Unjoni Ewropea għal avvenimenti kulturali organizzati barra minn Malta għad-Diaspora Maltija; twaqqif ta' stazzjoni tar-radju li jxandar minn Malta bħala mezz ta' komunikazzjoni mal-Maltin li jgħixu Barra minn Malta; approvazzjoni tar-*Roadmap* ippreżentata mis-sotto kumitat f'Diċembru 2016; restrizzjonijiet tal-Malta Post dwar fdalijiet umani li ġew "cremated"; bidla tal-kelma "jaħkimha" fl-Innu Malti; l-iffaċilitar ta' opportunitajiet għal persuni professjonali, artisti u kummerċjanti Maltin li jgħixu barra minn Malta biex jaqsmu t-talenti tagħhom ma' dawk li joqgħodu Malta; il-ħtieġa ta' servizzi legali minn avukati f'Malta għall-bżonnijiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta; neoloġiżmi fil-lingwa Maltija; it-tagħlim tal-lingwa Maltija moderna; l-istatus ta' ċittadini Maltin li twieldu Malta, meta dawn iżuru Malta; iċ-ċittadinanza doppja kif tolqot kandidati li joħorġu għall-elezzjoni parlamentari fl-Awstralja u f'Malta; emendi fl-Att XX tal-2011 u Proċeduri tal-Kunsill; Għarfien dwar Malta u l-kultura Maltija biex wieħed jikkwalifikaw għaċ-ċittadinanza Maltija; ħarsa lura lejn l-ewwel ħames snin ta' ħidma tal-Kunsill; u d-data tal-Laqgħa li jmiss tal-Kunsill

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna diversi persuni ntiżi fis-suġġett diskuss.

1.1 **Rendikont tal-Ewwel tliet snin tal-Kunsill tal-Maltin li jgħixu Barra**
Wara diskussjoni dwar ir-Rapport dwar il-ħidma tad-DMLA, sar qbil li: Id-DMLA għandu jkompli jagħti rendikont dwar liema deċiżjonijiet diġà twettqu, dawk li għadhom għaddejjin u f'liema stadju waslu.

**1.2 Kontinwazzjoni tal-Programm 'Consul-on-the-Move' fil-futur.**
Kien hemm kummenti pożittivi dwar it-tħaddim ta' dan il-programm, għalkemm kien hemm każi fejn il-ko-ordinazzjoni bejn l-Ambaxxati, il-Konsulati u l-membri tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta ma kienux kif mixtieq. Saret emfasi dwar il-ħtieġa li dan il-programm jkompli jsir fuq bażi permanenti.
**Konklużjoni**: *Il-Kunsill ġie nfurmat li kien sar draft memo rigward din it-tema li ser jitressaq quddiem il-Kabinett bl-iskop li dan il-programm ikun wieħed permanenti. Sadanitant ser jittieħdu passi biex ikun hemm iktar koordinament bejn l-Ambaxxati, il-Konsulati u l-membri tal-Kunsill fit-tħaddim ta' din l-iskema.*
**Ħidma:** Matul is-sena 2017 il-programm beda jiġi mplimentat u minkejja xi nuqqasijiet fil-ko-ordinazzjoni kien suċċess.

**1.2 Id-dewmien esaġerat fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija**
Membri tal-Kunsill ilmentaw li kien hemm wisq dewmien fl-ipproċċessar tal-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija u saħqu li kellhom jittieħdu passi biex dan il-proċess jitħaffef.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ttieħdu passi biex l-ipproċessar jitħaffef billi żdied l-istaff u ċertu xogħol ġie *out-sourced* u għalhekk mistenni li l-ipproċessar ma jibqax jieħu daqshekk żmien.
**Konklużjoni:** *Ġiet milqugħa l-proposta ta' xi membri tal-Kunsill biex issir ċerimonja f' parametri sempliċi sabiex jiġi mfakkar kif inhu xieraq l-għotja taċ-ċittadinanza Maltija.*
**Ħidma:** Saret talba għal-Laqgħa mas-CEO tal-Aġenzija Identity Malta biex nkunu nafu l-aħħar żvilluppi dwar il-passi li qed jittieħdu biex din il-problema tiġi solvuta

**1. 3 L-impatt tal-liġijiet dwar l-iżvilupp ta' proprjetà fuq il-Maltin li jgħixu barra minn Malta**

Membri tal-Kunsill fakkru li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet tqajmet il-kwistjoni tal-possibbiltà ta' żvilupp ta' proprjetà mingħajr il-permess tas-sid tal-art u l-ħtieġa li jiġu salvagwardati l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra billi ma jinħarġux permessi ta' żvillup mingħajr ma jkun żgurat li hemm il-permess tas-sid tal-propjeta'. Ġie mistoqsi xi żviluppi seħħu minn dak inhar.
Il-membri ġew informati li kienet intbagħtet ittra dwar dan lis-Segretarju Parlamentari minn dan is-settur, u nfetħu diskussjonijiet ma l-awtoritajiet konċernati dwar din il-materja.
**Deċiżjoni:** *Id-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ għandu jkompli jsegwi din il-materja mal-Awtoritijiet Konċernati u jenfasizza l-ħtieġa li fir-rigward l-iżvilupp tal-propjetà għandu jkun hemm estensjoni taż-żmien għall-oġġezzjonijiet biex Maltin li jgħixu barra minn Malta jkollhom iż-żmien li jibgħatu l-oġġezzjoni tagħhom. L-estensjoni għandha tkun waħda adekwata.*
**Ħidma:** Qed nistennew appuntament mat-tmexxija tal-ERA dwar l-aħħar żvilluppi dwar din il-materja.

**1.4 Reviżjoni tar-rati ta' taxxa fuq id-dħul applikabbli għal dawk mhux residenti f'Malta biex ikunu aktar ġusti u titneħħa in-natura eċċessivament punittiva tagħhom**

Intqal li t-taxxa applikabbli għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta hija aktar punittiva minn kull kategorija oħra ta' taxxa tad-dħul li jħallsu ċittadin oħra Maltin. Dan jista' jitqies bħala diskriminazzjoni mhux aċċettabbli bejn ċittadini Maltin li jgħixu barra u dawk li jgħixu Malta. Dan huwa wkoll ta' diżinċentiv għal ċittadini Maltin li joqgħod barra biex jinvestu f'Malta. Meħtieġ li ssir xi ħaġa biex din id-differenza ma tibqax hekk kbira.
Il-membri ġew mgħotija nformazzjoni dwar ir-rati tat-taxxi u l-possibbiltà' li x'uħud mhux informati sewwa dwarhom. Intqal li minħabba l-Unjoni Ewropea, ma nistgħux nagħtu aktar preferenza bejn ċittadin Malti u dawk li ma humiex.
Il-membri nsistew li biex ma jibqax ikun hemm din in-nuqqas ta' informazzjoni dwar it-taxxi kien meħtieġa li jsir xi tip ta' fuljett li b'xi mod jitwassal lill-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

**Deċiżjoni:** *Għalkemm ħafna mill-informazzjoni dwar it-taxxa tista' tiġi aċċesjata minn fuq l-internet, sar qbil li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu jipprovdi din l-informazzjoni u din tiġi ċċirkulata lill-membri tal-Kunsill, l-Ambaxxati u l-Konsulati Maltin. Din l-informazzjoni għandha tinkludi tagħrif dwar il-ħlas ta' taxxa għal min għandu propjetà f'Malta u jikriha, kif ukoll dwar taxxi li jolqtu lil dawk li jinvestu f'Malta.*
**Ħidma:** Qed nistennew tweġiba minn għand il-Kummisarju tat-Taxxi Interni għat-talba tal-Kunsill biex tingħata nformazzjoni dwar it-taxxi biex nimxu mad-deċiżjoni li ttieħdet

**1.5 Votazzjoni mill-bogħod (distance voting) f'elezzjonijiet ta' Malta u l-Parlmaent Ewropew**

**Id-dritt tal-vot ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea f'elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew**

Din il-materja tqajmet kemm-il darba. Mhux sewwa li jkun hemm diskriminazzjoni anke fost dawk il-Maltin li għandhom dritt għall-vot, billi lil uħud jiġi provdut trasport bl-ajru bi prezz baxx biex ikunu jistgħu jivvutaw u oħrajn le. Għalhekk kellu jinstab mezz biex il-Maltin li għandhom dritt għall-vot ikunu jistgħu jivvutaw mingħajr il-ħtieġa li jiġu Malta.

**Konklużjoni:** *Filwaqt li ittieħdet nota tal-kummenti li saru dwar dawn iż-żewġ temi, ċertu tweġibiet ma jistgħux jingħataw għax huwa fil-kompitu tal-partiti politiċi li jiddiskutu u jiddeċiedu dwar il- kwistjoni tal-elezzjonijiet. Forom ġodda ta' votazzjoni bħal dik elettronika jirrikjedu diskussjoni wiesa'.*

**1.6 L-implementazzjoni ta' Sistema t'avviż kmieni**

Hemm bżonn li l-Memo dwar din il-materja li l-ex-Ministru Dr George Vella kien ressaq lill-Kabinett terġa tinġieb għall-attenzjoni tal-Kabinett il-ġdid biex kemm jista' jkun dan jiġi mplimentat.

**Deċiżjoni:** *Sar memo dwar din il-materja u la darba l-Kabinett japprova l-memo, li jinkludi lista ta' entitajiet li huma nvoluti f'dan ir-rigward, ikunu jistgħu jiġu irrappurtati iktar żviluppi.*

Il-Ministru qal li ser jara li malli jiġi approvat dan il-memo, dak li fih jiġi mplimentat

**Ħidma:** Saret talba għal-laqgħa mas-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-ħatra ta' ko-ordinatur għall-materji li għandhom x'jaqsmu mad-Diaspora Maltija fil-Ministeri kollha wara deċiżjoni li ttieħdet mill-Kabinett.

**1.7 . Pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija**
**U**
**1.8 It-tagħlim tal-istorja tal-emigrazzjoni fl-iskejjel f' Malta**

Il-membri tal-Kunsill talbu għal spjega dwar dak li ġara u qed jiġri dwar il-pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-ilsien Malti, kif ukoll insistew dwar il-ħtieġa li jkun hemm tagħlim tal-istorja tal-emigrazzjoni fl-oqsma kollha tat-tagħlim.

Ġie spjegat x'sar s'issa fil-qasam tal-pjattaforma diġitali msemmija, u dak li hemm ippjanat għal quddiem.

Ingħatat ukoll informazzjoni dwar il-programmi ta' tagħlim dwar l-emigrazzjoni fid-diversi oqsma tal-edukazzjoni, inkluża l-Università'.

**Konklużjoni:** *Jidher li sar progress fil-qasam tal-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija. L-indikazzjoni hija li sa nofs is-sena d-dieħla (2018) il-proċess ikun konkluż u l-proġett jibda jiġi mplimentat.*

**Ħidma**: Matul is-sena saret ħidma qawwija dwar il-pjattaforma diġitali.Sadanitant qed jitkomplew il-laqgħat u l-ħidma dwar din il-materja ma' dawk involuti f'dan il-proġett bl-iskop li dan jiġi mplimentat kemm jista' jkun mingħajr ħafna dewmien.

**1.9 It-twaqqif tar-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jaġġixu barra minn Malta (Formola O) u r-reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P)**

Intqal li oriġinalment ma kien hemm ebda bżonn ta' mili ta' xi formoli speċifiċi għax li kien hemm bżonn kien reġistru sempliċi tal-organizzazzjoni. Issa jekk minħabba l-id-*data protection system* irridu nimxu ma ċertu proċedura, u allura ma hemmx kif naslu ħlief permezz ta' dawn il-formoli għandna nimxu u mhux inkomplu niddiskutu. Dr Gejtu Pace ressaq xi emendi għall-formoli għax sostna li ma kienux bżonnjużi u nsista li dawn il-formoli jinżammu mis-Segretarju tal-Kunsill kif titlob il-Liġi.

**Deċiżjoni:** *Filwaqt li l-emendi għal Formola 'O' imressqa minn Dr Gejtu Pace għandhom jiġu innotati, issa wasal iż-żmien biex dawn jiġu mplimentati.*

**Ħidma:** Il-formoli "O" u "P" ġew approvati u mibgħtuha lill-membri tas-CMLA, Ambaxxati, Konsulati, eċċ, kif ukoll jinstabu fuq il-website tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ..

---

**1.10 Servizzi bankarji għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta**

L-għeluq tal-uffiċji ta' banek Maltin fl-Awstralja u l-Kanada kien qed jaffettwa ħażin lill-emigranti Maltin, speċjalment dawk li m'humiex midħla tal-internet. Għalhekk ġie propost li l-banek Maltin joffru tal-inqas numru telefoniku speċifiku fejn l-Maltin li jgħixu barra jkunu jistgħu jċemplu u jinqdew. Kellha wkoll issir diskussjoni mal-Bank HSBC

**Deċiżjoni**: *Għandhom jkun hemm il-kuntatti neċessarji sabiex ikun hemm servizz adegwat lill-klijenti tal-Banek involuti. Il-BoV għandu jikkonsidra l-possibbiltà' li jagħti numru tat-telefon dedikat għall-klijenti Maltin li jgħixu barra minn Malta. Trid tkun segwita wkoll il-kwistjoni taċ-ċittadinanza Maltija li qed iqajjem il-bank HSBC fejn jidħlu investituri Maltin li jgħixu barra.*

**Ħidma:** Intalab appuntament mal-Banek biex tkompli tiġi diskussa s-sitwazzjoni.

**1.11 It-twaqqif ta' websajt tal-Kunsill**

Ġie mitlub li l-proposta tat-twaqqif ta' websajt tal-Kunsill għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid għax din hija mportanti biex tingħadda nformazzjoni dwar dawk is-suġġetti u temi li jolqtu lill-Maltin li jgħixu barra.

**Konklużjoni**:. *Bħalissa il-Ministeru qed jiddiskuti l-kwistjoni tal-websajt u għalhekk il-websajt tal-Kunsill għanda tkun parti minn din id-diskussjoni. Il-Kunsill se jkun aġġornat dwar dawn id-diskussjonijiet..*

**1.12 L-Istitut Kulturali Malti**

Saret insistenza dwar il-ħtieġa li l-Awtoritajiet jagħmlu aktar milli għamlu s'issa biex jitwaqqaf l-Istitut Kulturali Malti.

Ġie spjegat li l-Istitut Kulturali Malti mhux parti mill-programm tal-Gvern, għalkemm ma jfissirx li l-iskop wara t-twaqqif ta' dan l-istitut ġie abbandunat. Infatti xorta ġew ivvotati flus għad-diplomazija kulturali u għall-Kunsill għal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Fit-32 ambaxxata u konsulat qed tingħata għajnuna għal artisti Maltin. L-aktar importanti huma l-għanijiet ta' dan il-programm u mhux l-isem tal-korp li ser imexxih.

**Deċiżjoni:** *It-test tar-Remit għall-korp li qed jiġi suġġerit jeżisti. Is-Sur Marshall wiegħed li kien ser jibgħat kopja ta' dan lill-Ministru, l-Onor Carmelo Abela biex dan jintuża' fid-diskussjonijiet mal-Ministru responsabbli mill-Kultura, L-Onor Dr Owen Bonnici dwar din il-materja.*

**1.13 Fondi tal-Unjoni Ewropea għal avvenimenti kulturali organizzati barra minn Malta għad-Diaspora Maltija**

Intqal li kemm ilu jiltaqa' l-Kunsill, il-membri dejjem insistew dwar il-ħtieġa li l-kultura u l-ilsien Malti jkomplu jinxterdu fost il-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Ċertu komunitajiet qed isibuha diffiċli biex ikomplu jagħmlu dan minħabba nuqqas ta' fondi u għalhekk wieħed irid jara kif jakkwista' fondi mill-Unjoni Ewropeja għal dan l-iskop.

Ġie spjegat li għaqdiet li jgħixu f'pajjiżi barra l-Unjoni Ewropeja ma jistgħux japplikaw għal fondi direttament. Iżda jistgħu jagħmlu dan b'mod konġunt ma għaqdiet li jeżistu f'pajjiż tal-UE.

**Deċiżjoni:** *Għandhom jinżammu diskussjonijiet bejn id-DMLA/CMLA u l-MUESEC biex jinstab mezz kif jistgħu jinkisbu Fondi tal-Unjoni Ewropea għall-avvenimenti kulturali*

*għad-Diaspora Maltija. Il-MEUSEC fejn meħtieġ tati taħriġ u għajnuna dwar mili ta' formoli għall-kisba ta' dawn il-fondi.*
**Ħidma:** Ser issir l-ewwel Laqgħa ma' uffiċjal tal-MEUSAC fejn ġiet diskussa d-deċiżjoni ta' hawn fuq.

---

**1.14 Twaqqif ta' stazzjon tar-radju li jxandar minn Malta bħala mezz ta' komunikazzjoni mal-Maltin li jgħixu barra minn Malta.**
Din qatt ma ttieħdet bis-serjetà mill-Gvernijiet. L-istazzjon tar-radju jista' jkun iffinanzjat mill-persuni li jmexxuh stess.
Intqal li l-Maltin ta' barra isegwu sewwa l-istazzjonijiet tar-radju lokali (ta' Malta) u jipparteċipaw ħafna billi jagħmlu telefonati, eċċ. Allura jkun aħjar naraw kif dawn r-radjijiet jistgħu jiddedikaw aktar ħin għal programmi li jolqtu l-Maltin ta' barra
**Deċiżjoni:** *Billi t-twaqqif ta' stazzjon ta' radju kif propost mhux prattikabbli, għandhom jiġu avviċinati stazzjonijiet tar-radju li huma ġa stabbiliti biex dawn joffru biżżejjed spazju sabiex wieħed ikun jista' itella' programmi adegwati relatati mal-Maltin li jgħixu barra.*

**1.15 Il-proposti dwar ir-*Roadmap* ippreżentati mis-sotto kumitat f' Diċembru 2016**
Saret proposta biex wara diskussjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema inizjattivi proposti fid-dokument għandu japprova.
**Deċiżjoni**: *Il-proposti tar-Roadmap ġew approvati biex issir ħidma fuqhom. Il-Ministru ser iressaq dawn il-proposti quddiem il-kabinett fiż-żmien li ġej. Meta il-Kabinett japprova dan id-dokument, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Kummerċjali mhux biss jinforma l-Ministri l-oħra, iżda jikkuntattja wkoll lil dawk l-entitajiet li huma msemmija fir-Roadmap. Kull Ministeru u entita' ser tiġi mitluba taħtar contact person biex tara li dan ix-xogħol isir u l-Kunsill ikun infurmat b'dak li qed isir.*

**1.16 Restrizzjonijiet tal-Malta Post dwar fdalijiet umani li ġew "cremated"**
Intqal li hija x-xewqa ta' diversi Maltin li jgħixu barra li meta jmutu dawn jindifnu Malta. X'aktarx li dan ikun jista' jsir billi l-"cremated remains" ta' dawn jiġu trasportati lejn Malta. Madanakollu hemm diffikultà' billi l-Posta Maltija (Maltapost) ma taċċettax li tittrasporta '*human remains*'
Il-Kunsill ġie nfurmat li l-MaltaPost kienet bgħatet e.mail fejn sostniet li issa dawn "ir-remains" kienu qed jiġu aċċettati mill-MaltaPost.
**Konklużjoni**: *Kien hemm bidla fil-proċess tal-MaltaPost li issa qed jaċċeta t-trasport ta' fdalijiet umani li jkunu ġew "cremated". Din l-informazzjoni ġiet ikkomunikata permezz ta' email u se tittella fuq is-sit tal-MaltaPost fiż-żmien li ġej.*
**Ħidma:** Billi nġibdet l-attenzjoni għall-fatt li minkejja l-e.mail tal-MaltaPost, xorta għad baqa' xi diffikultajiet ser ikomplu taħdidiet mal-Awtoritajiet komċernati biex il-problema tissolva għal kollox.

**1.17 . Bidla tal-kelma "jaħkimha" fl-Innu Malti u minflokha titpoġġa "jmexxiha" jew kelma oħra aktar addattata**
Saret proposta li l-Kunsill jwassal opinjoni kollettiva biex l-awtoritajiet konċernati jikkonsidraw il-proposta biex fl-Innu Malti tinbidel il-kelma "jaħkimha" ma "jmexxiha" billi l-kelma "jaħkimha" m'hemmx posta fil-kuntest tal-llum billi Malta ma hi maħkumha minn l-ebda ħakem jew pajjiż.
Ġie spjegat li din il-kwistjoni qamet kemm-il darba u dwar dan kien ta spjegazzjoni il-Professur Oliver Friġġieri li qal li kien hemm diversi tifsiriet tal-kelma "jaħkimha" barra dik li tati idea li hemm xi ħakem fuq il-pajjiż, u għalhekk din hi aċċettabli.

**Deċiżjoni**: *Kien hemm qbil dwar l-ispjegazzjoni meħuda minn artiklu provdut mill-Professur Oliver Friggieri li tinsisti li ma hemmx bżonn tal-bidla tal-kelma "jaħkimha".*

**1.18 L-iffaċilitar ta' opportunitajiet għal persuni professjonali, artisti u kummerċjanti Maltin li jgħixu barra minn Malta biex jaqsmu t-talenti tagħhom ma' dawk li joqgħodu Malta**

Waqt id-diskussjoni intqal li għandu jkun hemm iktar skambji bejn nies bħal avukati, kummerċjanti eċċ li jgħixu barra u dawk li joqgħodu Malta. Hemm bżonn ta' avukati Maltin li jagħtu parir lill-Maltin ta' barra. Dan huwa importanti ħafna f' każ ta' wirt.
Hemm bżonn li nisfruttaw ideat bħal dawn. Hemm ħafna xi jsir biex it-talenti li hemm, hemm barra, mhux biss inkunu nafu bihom imma li safejn nistgħu jkollna kontribut minnhom. Dan huwa punt ta' minn jiddiskutih fil-fond.
Uħud mill-iskambji jistgħu jsiru billi, per eżempju l-Kunsilliera stess jieħdu l-inizjattiva. M'm'hemmx bżonn li jkun hemm xi ħaġa formali jew li wieħed joqgħod jistenna li l-Ministeru jieħu l-inizjattiva. Jekk il-Kunsill jaqbel fuq xi inizjattiva għandna nimxu.
**Deċiżjoni:** *Kien hemm qbil fuq il-prinċipju u ġiet rikonoxxuta l-importanza ta' dan l-iffaċilitar. Din il-materja għandha tibqa' tiġi diskussa mill-Kunsill mal-Ministru permezz tal-uffiċjali responsabbli. Tajjeb li l-Kunsilliera jieħdu inizjattivi f'din il-materja.*
*Jekk ikun hemm ħtieġa ta' koordinament u għajnuna oħra għall-skambji, il-Kunsilliera għandhom javviċċinaw id-Direttorat u s-Segretarju tal-Kunsill. Imbagħad jekk ikun hemm bżonn l-appoġġ tal-Ministeru u entitajiet oħrajn dawn javviċinaw il-Ministeru biex safejn hu possibbli jingħata dan l-appoġġ.*

**1.18 Il-ħtieġa ta' servizzi legali minn avukati f'Malta għall-bżonnijiet tal-Maltin li jgħixu barra**

Ġie propost li tiġi preparata u ppubblikata lista ta' avukati f'Malta li jkunu lesti li jaċċettaw xogħol legali li huwa relevanti għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Din il-lista għanda tinżamm aġġornata u għanda titpoġġa fuq il-websajt tal-Kamra tal-Avukati.
**Deċiżjoni**: *Id-Direttur tad-DMLA se jkompli jsegwi din il-materja billi jiddiskuti mal-Kamra tal-Avukati l-possibbiltà' tal-preparazzjonjiet u l-pubblikazzjoni ta' lista ta avukati f'Malta li jistgħu joffru għajnuna lil Maltin li jgħixu barra minn Malta.*

**1.19 Neoloġiżmi fil-lingwa Maltija**

Membri tal-Kunsill kkummentaw dwar it-tibdil b'pass mgħaġġel tal-lingwa Maltija u n-neoloġiżmi li ġew inkorporati inkluż kliem li ġej mit-Taljan u l-Ingliż. Dan qed iwassal għall-ilmenti li qiegħed jirċievi mingħand individwi li jsibuha diffiċli biex jifhmu l-Malti mitkellem minn xandara fuq programmi tar-radju u televiżjoni li ġejjin minn Malta.
**Deċiżjoni***: Dr Thomas Pace ser jibgħat links fuq taħriġ Malti, lis-Segretarju tal-Kunsill, biex dawn jitqassmu lill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill saħaq fuq il-bżonn li jiġi ppublikat kumpendjum ta' kliem li daħlu fil-lingwa Maltija u li dan jiġi aġġornat kontinwament u jkun iddisiminat b'xejn. Din l-informazzjoni għanda tkun aċċessibbli għall-pubbliku.*

**1.20 It-tagħlim tal-lingwa Maltija moderna**

Ġie propost li, billi għadd ta' għalliema, xandara tar-radju u kittieba li jgħixu barra huma maqtugħin minn żviluppi li qed iseħħu fil-lingwa Maltija li jiġu offruti korsijiet qosra (*refresher courses)* sabiex jgħin lil dawk il-Maltin li jgħixu barra biex ikunu aġġornati fuq l-iżviluppi fil-lingwa. Hemm bżonn ukoll ta' korsijiet intensivi biex persuni interessati jkunu jistgħu jtejbu l-Malti.
Il-Kunsill ġie nfurmat li s-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti joffri ħafna riżorsi relevanti u informa lill-Membri li ser jiċċirkola lista bir-riżorsi.

**Deċiżjoni:** *Dr Michael Spagnol ser jibgħat informazzjoni dwar l-għodod eżistenti għat-tagħlim tal-lingwa Maltija. Il-possibilità li jsiru korsijiet qosra għal ġurnalisti u persuni oħrajn li jgħixu barra minn Malta ser tiġi eżaminata.*
**Ħidma;** Saret l-ewwel laqgħa ma Dr Spagnol u t-tim tiegħu dwar l-għodod eżistenti u dawk li qed jiġu żviluppati għat-tagħlim tal-Malti, kif ukoll il-possibbiltà ta' korsijiet qosra tal-Malti.

**1.21 Ċittadini Maltin li twieldu f'Malta meta jmorru Malta għal kwalunkwe perjodu ta' żmien għandhom jingħataw l-istess "status" li jgawdu ċittadini Maltin li joqgħodu Malta**
Saret proposta biex il-Gvern Malti joffri l-istess drittijiet u status lil dawk li jirritornaw f'pajjiżhom għal żmien qasir u li jkunu baqgħu ċittadini Maltin bħal dawk li jgawdu ċittadini residenti. Saret proposta biex f'każijiet bħal dawn tinħareġ karta tal-identità speċjali jew xi strument speċjali li jagħti l-istess drittijiet bħal residenti eskluż id-dritt għal vot.
Ġie spjegat li attwalment diġà jeżistu ċertu modi kif Maltin ta' barra li jiġu Malta jistgħu jiksbu l-karta' tal-identità'
**Deċiżjoni**: *Il-Kunsill qabel li Identity Malta tipprovdi informazzjoni dwar is-"status" u l-kwistjoni tal-ID għal dawk il persuni li jiġu Malta minn barra għall-perjodu qasir. Din l-informazzjoni wara tiġi transmessa permezz ta' komunitajiet liċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra. Identity Malta ser tgħaddi informazzjoni relevanti lis-Segretarju tal-Kunsill biex dan tagħrif jitqassam fost il-Membri tal-Kunsill.*
**Ħidma :**Ser issir laqgħa ma Identity Malta biex il-kwistjoni tal-identity card għal dawk il-Maltin li jżuru Malta tiġi ċċarata

**1.22 Ċittadinanza doppja Maltija u Awstraljana u kif tolqot kandidati li joħorġu għall-elezzjoni parlamentari fl-Awstralja u Malta**
Maltin li jitħajru jidħlu fil-politika fl-Awstralja qegħdin isibu problema. Dan il-għaliex, Artiklu 44 tal-Kostituzzjoni Awstraljana ma tippermettix li jkun hemm membri Parlamentari li jkollhom ċittadinanza doppja. Fil-fatt, dan l-Artiklu jgħid li persuna tista' jkollha ċittadinanza oħra li trid tiġi rrinunzjata hekk kif tkun ser tiġi eletta fil-Parlament Awstraljan.
Ġie spjegat li l-Gvern Malti ma jista' jagħmel xejn dwar din il-kwistjoni, ħlief li jagħti nformazzjoni lill-emigranti dwar l-effetti li għandha ċ-ċittadinanza doppja
**Deċiżjoni**: *Intlaħaq ftehim li l-Kunsill iġib informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza doppja u kif din taffettwa lil dawk li jiksbuha. Din l-informazzjoni wara għandha tingħata lil komunitajiet Maltin li jgħixu barra sabiex jiġi mifhum il-kunċett ta' ċittadinanza doppja u l-implikazzjonijiet tagħha.*

**1.23 Diskussjoni dwar ċerta aspetti tal-Att XX tal-2011 u Proċeduri tal-Kunsill**
Jeħtieġ li d-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011 għandha titkompla.
Ġie spjegat li ser jiġu proposti emendi għall-Kapitlu 151 bi preparazzjoni għall-Konvenzjoni tal- Maltin li jgħixu barra. Is-suġġett diġà ġie mqajjem u qiegħda ssir ħafna ħidma fuqu .
**Deċiżjoni:** *Irrid ikun hemm konsultazzjonijiet legali interni u sussegwentement mal-Avukat Ġenerali sabiex jintlaħaq ftiehem dwar it-tifsira ta' "komunità" ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta kif ukoll rigward l-emendi għall-Att qabel tibda l-proċedura biex l-Att jiġi emendat.*
**Ħidma:** Qed nistennew laqgħa mal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali dwar l-emendi fl-Att XX tal-2011.

**1.24 Għarfien dwar Malta u l-kultura Maltija mit-tieni ġenerazzjonijiet il-quddiem biex jikkwalifikaw għaċ-ċittadinanza Maltija**

Tressqet proposta sabiex applikanti għaċ-ċittadinanza Maltija jkunu meħtieġa li juri xi għarfien bażiku inkluż dwar l-istorja, il-kultura u tradizzjonijiet u jkunu pprovduti b'informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-komunità' Maltija li hija ferm attiva bil-ħsieb li xi wħud minn dawk li japplikaw u jiksbu ċ-ċittadinanza jinteressaw ruħhom f'dawn il-kommunitajiet billi dawn il-komunitajiet qed jixjieħu.
Ġie spjegat li għalkemm l-idea li min japplika għal ċittadinanza Maltija jkollu ċertu tagħrif dwar Malta, din ma tistax issir tassattiva, imma volontarja.
**Deċiżjoni:** *Intlaħaq ftiehem li dawk l-individwi li jixtiequ iġibu ċittadinanza Maltija jingħataw informazzjoni fuq Malta minn qabel, inkluż dwar l-istorja u l-kultura. Dan il-proċess ma jkunx obbligatorju u mhuwiex ser jaffettwa l-ebda liġijiet eżistenti.*
**Ħidma:** Ser issir laqgħa ma' uffiċjali mill-IMA, l-MEDE u membru tas-CMLA biex jiġi żviluppat pakkett ta' informazzjoni kif maqbul waqt il-Laqgħa tal-Kunsill.

### 1.25 Ħarsa lura lejn l-ewwel ħames snin ta' ħidma tal-Kunsill u tagħlim għall-futur tal-Kunsill

Billi l-maġġuranza tal-membri tal-Kunsill qed joqorbu lejn tmiem il-kariga tagħhom kien xieraq li tingħata daqqa t'għajn lejn ix-xogħol li twettaq s'issa u lejn dak li mexa tajjeb u dak li ma marx daqshekk tajjeb biex wieħed jara x'jista' jsir aħjar u din l-informazzjoni tgħaddi għand il-kunsilliera l-ġodda.
Intqal li filwaqt li saru ħafna diskussjonijiet f'dawn l-aħħar sitt snin u anke kien hemm għadd ta' riżultati tajba, hemm il-bżonn li navvanzaw fuq dawk il-punti li l-Kunsill weħel fuqhom. Sar ħafna xogħol u għad fadal xi jsir. Jeħtieġ li jkun hemm xi tip ta' pjan ta' suċċessjoni.
**Konklużjoni:** *Il-Ministru irringrazzja l-Membri tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom u l-Membri Kunsilliera taw l-feedback tagħhom fuq il-ħidma tal-Kunsill.*

**Kumment:** Il-ħidma tal-Kunsill matul dawn l-aħħar ħames snin kienet mifruxa fuq diversi aspetti li jolqtu l-Maltin li jgħixu barra minn Malta u nkisbu riżultati ta' benefiċċju għad-Diaspora.

Fost dawn insibu: il-kwistjoni taċ-ċittadinanza doppja; il-passaporti biometriċi u servizz aħjar għal dawk li jridu jġeddu l-passaport tagħhom (consul-on the Move); il-Ħolqien ta' Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta; l-approvazzjoni u t-tqassim tal-Formula 'O' u 'P' biex finalment isir reġistru ta' Għaqdiet u Individwi prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta kif jitlob l-Att XX tal-2011; it-tfassil u l-approvazzjoni ta' *Roadmap* bi proġetti u attivitajiet li għandha ssir ħidma fuqhom fl-interess tad-Diaspora.

Hemm temi oħra li ġew diskussi u li ttieħdet azzjoni dwarhom, iżda li għad hemm lok ta' diskussjoni u/jew azzjoni dwarhom. Fost dawn nsibu: il-ħarsien tad-drittijiet ta' propjetarji tal-art Maltin; id-differenzi tar-rati ta' taxxi mħallsa minn Maltin li jgħixu Malta u dawk li jgħixu barra; id-dritt tal-vot għall-elezzjoni tal-Parlament tal-Unjoni Ewropea; il-faċilitar għall-votazzjoni tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta; ir-rappreżentanza (bħala osservaturi) tad-Diaspora fil-Parlamen Malti; it-tagħlim tal-ilsien Malti u t-tixrid tal-Kultura fost l-Maltin li jgħixu barra; l-"istatus" tal-Maltin meta dawn iżuru Malta għal xi żmien; il-possibbiltà' ta' użu ta' fondi tal-Unjoni Ewropea minn Għaqdiet tal-Maltin; is-servizz tal-banek Maltin li għalqu l-uffiċċji tagħhom fl-Awstralja u pajjiżi oħra.

### 1.26 Id-data tal-Laqgħa li jmiss tal-Kunsill

Għadd ta' membri sostnew li, preferibbilment, il-laqgħa li jmiss għanda ssir sa Lulju 2018 peress li l-mandat ta' ħafna mill-membri ser jispiċċa dak ix-xahar.

Wara diskussjoni mqanqla, fejn il-membri wrew ix-xewqa u taw diversi raġunijiet għax il-laqgħa kellha ssir sa Lulju, il-Ministru wieġeb li minħabba impenji oħra ma jkunx jista' jiltaqa' mal-Membri qabel Settembru. Għalhekk, din il-laqgħa ser issir f'data fl-ewwel ġimagħtejn ta' Settembru 2018.

**2.00** Ħidma mill-membri

Matul is-sena ssir ħafna ħidma mill-membri tal-Kunsill fejn dawn ikomplu bix-xogħol li jkun imbeda waqt il-laqgħa tal-Kunsill f'Malta. Fost dawn kien hemm laqgħat ta' sotto-Kumitat li fformula r-Roadmap, kif ukoll dwar l-emendi għall-Att XX tal-2011. Permezz tal-kommunikazzjoni eletronika jsiru wkoll diskussjonijiet mill-membri dwar dawk il-materji li jħossu li huma mportanti li għandhom jiġu diskussi fil-Laqgħa Annwali li jmiss. Wara li jsir qbil dawn jiġu ppreżenta f'forma ta' Abbozz ta' Aġenda, li mbagħad tiġi finalizzata u approvata propju fil-ftuħ tal-Laqgħa Annwali. Dan barra l-ħidma li l-membri jagħmlu fil-kommunitajiet tagħhom.

**3.0 Ħidmiet Oħra**

**2.1** Saret ir-reviżjoni finali tal-Formula O u P fejn ġew meħuda f'kunsiderazzjoni x-xewqat tal-membri tal-Kunsill hekk kif diskuss fil- laqgħa Annwali 2016 u tal-2017.

**2.2** L-*Onorevoli ex-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dr George W. Vella fit-2 ta' Frar 2017 kiteb:*

i. Ittra lill-Onorevoli Prim Ministru, Dr Joseph Muscat fit-2 ta' Frar 2017 dwar il-votazzjoni mill-bogħod ('Distance Voting'). L-ittra tippreżenta l-mozzjoni li ressaq il-Kunsill fil-laqgħa Annwali ta' Mejju 2016, dwar id-dritt taċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta u li huma eliġibbli għall-vot u biex jiġu studjati mezzi kif dan id-dritt jiġi ffaċilitat.

ii. Ittra lill-Onorevoli Dr Deborah Schembri, ex-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u l-Proċess tas-Simplifikazzjoni, fejn tittratta dwar l-impatt tal-liġijiet fuq l-iżvilupp tal-proprjetà tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. L-ittra tagħti lista tal-miżuri kif il-Maltin li jgħixu barra minn Malta u għandhom proprjetà f'Malta jkollhom protezzjoni adegwata kif ippropona l-Kunsill.

L-Onorevoli Dr Deborah Schembri bagħtet risposta għall-ittra tal-Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dr George W. Vella tat-2 ta' Frar. L-Onorevoli Schembri kkwotat is-salvagwardji li jinsabu f'Kapitlu 552 tal-Att tal-Pjan tal-Iżvilupp sabiex jipproteġu lis-sid tal-art hu/hi fejn hu/hi f'Malta u/jew barra minn Malta. L-iktar punt imsemmi kien il-kunsens relattiv ta' sid il-art sabiex jibda x-xogħol fuq is-sit.

iii. L-Onorevoli ex-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dr George W. Vella ressaq memo quddiem il-Kabinett dwar l-implimentazzjoni ta' sistema t'avviż kmieni.

**2.3** F'laqgħa ma' Dr Carmen Sammut u l-Kap tar-Riżorsi Umani tal-Università ta' Malta sar qbil sabiex tittella' l-formola fuq il-parti nterna tal-websajt tal-Università sabiex tkun tistà timtela mill-letturi tal-Università li jkunu ser iżuru pajjiżi fejn għandna d-Diaspora Maltija. Din il-formola ttellgħet fuq il-parti nterna tal-websajt tal-Università

**2.4** Qed jiġu ppreparati Kodiċi ta' Etika għall-membri tal-Kunsill.

**2.5** Matul is-sena saru diversi laqgħat bejn is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur tad-Direttorat għall-Maltin li jgħixu barra biex jikkoordinaw il-ħidma li kien meħtieġa ssir fl-interess tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta